**15 ta' Frar, 1963**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Michael Attard ne.

*versus*

Joseph Aquilina

**Assikurazzjoni — Danni — Riskji ta' Terzi Persuni — Polza tal-Assikurazzjoni — Spejjeż Ġudizzjarji — "Act Policy" — Interessi — Art. 1088 Kap. 23 — Art. 4(1)(v) u 10(1) Kap. 165.**

*Hu veru illi, skond il-liġi kif kienet qabel ma ġiet emendata, il-Qorti kienet tista' tiffissa l-massimu tad-danni pagabbli lid-danneġġjat bi ħtija kolpuża biss tad-danneġġjant, fis-somma ta' £1200; imma dan il-massimu kien jirrigwarda biss l-indennizz, u mhux ukoll l-ispejjeż ġudizzjarji li d-danneġġjat kien jinkorri biex jiġi likwidat l-ammont tad-danni lilu dovuti.*

*Hekk ukoll, jekk persuna kienet assikurata limitatament għal £1200 in rağun ta' danni eventwalment kaġunati lil terzi persuni, u fil-polza tal-assikurazzjoni kien indikat dan l-ammont bħala massimu tad-danni pagabbli mill-kumpanija tas-sigurtà, din il-limitazzjoni ma kienetx tolqot l-imsemmijin spejjeż.*

*Bil-konsegwenza illi, jekk persuna kienet hekk assikurata sa £1200, u dak l-assikurat jiġi f'kolliżjoni ma' terza persuna u jikkaġunalha ħsara, u din tagħmel kawża biex jiġi likwidat id-dannu riżarċibbli lilha, u l-Qorti tiffissa dan id-dannu f'ammont superjuri għal £1200, il-kumpannija tas-sigurtà ma tistgħax tippretendi, għax ħallset lit-terz is-somma £1200, i.e. il-massimu li għalieh kienet saret l-assikurazzjoni, li dan l-ammont jikkomprendi ukoll l-ispejjeż tal-kawża li għamel it-terz biex jiġi likwidat l-ammont tad-danni. Dawn l-ispejjeż huma pagabbli lit-terz, kif ukoll l-interessi, jekk ikun hemm, oltre u indipendentement mis-somma ta' £1200 minnha mħallsa bħala l-massimu tad-danni li għalieh il-ħati kien assikurat.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress li b'sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-16 ta' Diċembru 1959 il-konvenut odjern kien ġie kanonizzat kreditur ta' Paul Monrael fis-somma ta' £1374. 14.10d għad-danni minnu sofferti in konsegwenza tal-kolliżjoni li ġrat fl-ewwel ta' April 1956 f'Marsaxlokk Road, Żejtun, bejn il-motor-cycle numru 929 misjuq mill-imsemmi Monreal u dak numru 10778 misjuq mill-istess Aquilina, kif ukoll fl-ispejjeż tal-kawża ammontanti għal £106. 12. 9d; u peress li l-instanti, bħala li kellu nteress, billi kien assigura lill-imsemmi Paul Monreal kontra r-riskji ta' terzi persuni taħt il-Kap. 165 tal-Liġijiet ta' Malta, u kien ġie debitament infurmat bl-azzjoni ta' Aquilina kontra Monreal, kien interpona appell minn dik is-sentenza, li però ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' April 1960, bl-ispejjeż kontra l-appellant; u peress li l-instanti ħallas lill-konvenut odjern l-ispejjeż tal-proċeduri fit-tieni istanza provokati mill-istanti stess, skond li qalet dik il-Qorti, u ħallas ukoll lill-konvenut l-ammont ta' £1200, total dovut skond il-liġi (art. 10(1) u 4(1)(v) tal-imsemmi Kap. 165), u fissat fil-polizza tal-assikurazzjoni, iżda l-konvenut ippretenda u għamel riżerva għall-ispejjeż tal-kawża fil-prima istanza;

U peress li fid-19 ta' Jannar 1962 il-konvenut talab u ottjena minn dik il-Qorti l-ħruġ ta' mandat ta' qbid għas-somma fuq imsemmija ta' £106. 12. 9d rappreżentanti l-ispejjeż tal-kawża msemmija fil-prima istanza u xi spejjeż oħra aċċessorji (dok. A), u l-attur, biex ma jkomplix jiġi eżegwit il-mandat, iddepożita f'idejn il-marixxall eżekutant l-ammont kollu ndikat fil-mandat, bil-kondizzjoni li din is-somma għandha tiġi depożitata fir-Reġistru ta' din il-Qorti biex hemm tibqa', skond ma jrid l-art. 943(2) tal-Kap. 15, kif fil-fatt sar biċ-ċedola numru 183/62; u peress li l-konvenut ma għandux dritt jirrepeti minn għand l-attur nomine, taħt l-imsemmi Kap. 165, ebda ammont superjuri għall-£1200 li hu rċieva minn għandu kif ingħad, u kwindi lanqas ma kellu dritt jitlob il-ħruġ tal-imsemmi mandat ta' qbid għall-ammont fih indikat;

Talab li jiġi dikjarat u deċis li, għar-raġunijiet fuq miġjuba, il-konvenut ma għandu dritt jikkonsegwixxi

minn għand l-attur nomine l-ħlas tal-ammont indikat fil-mandat ta' qbid fuq imsemmi, u kwindi ma għandux dritt jiżbanka l-ammont depożitat mill-marixxall eżekutant wara l-istess mandat; liema ammont għandu, għalhekk, jittieħed lura mill-attur nomine, inattiża kull oppożizzjoni da parti tal-konvenut. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-24 ta' Novembru 1962, li biha ddeċidiet billi ddikjarat li l-instanti nomine għandu dritt jieħu lura u jiżbanka mir-Reġistru ta' dawn il-Qrati s-somma li l-marixxall tal-Qorti nkarigat iddepożita fuq il-mandat ta' qbid imsemmi maħruġ mill-konvenut, inattiza kwalunkwe pretensjoni u oppożizzjoni tal-konvenut; l-ispejjeż jinġabru (esklużi dawk tal-mandat tal-konvenut u tal-eżekuzzjoni tal-mandat tal-istess konvenut) u jitħallsu nofs kull wieħed bejn il-kontendenti, iżda d-dritt tar-Reġistru jibqa' għall-konvenut. Dik il-Qorti kkunsidrat;

Mill-att promotorju tal-ġudizzju jidhru ċar il-fatti li taw lok għal din il-kawża, u kwindi ma hemmx bżonn li jiġu ripetuti. Il-kwistjoni odjerna tirraġġira ruħha dwar il-punt legali jekk il-kumpannija assikuratriċi hijiex jew le tenuta li tħallas lill-persuna personalment offiża mill-assikurat minnha somma superjuri minn dik li għaliha l-istess klijent tagħha jkun assikurat, u ċjoè, jekk jirriżulta li l-offis ikollu dritt bħala kumpens għall-massimu legalment fil-preżent ammess, għandux id-dritt għall-ispejjeż legali li huwa jkun għamel biex jottjeni dik id-dikjarazzjoni ġudizzjarja jew le. Infatti l-konvenut, biex jottjeni d-dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tal-assikurat u l-likwidazzjoni tad-danni, li kienu jissuperaw il-limiti tal-assikurazzjoni fil-preżent, nefaq £106. 12. 9d, u peress li l-kumpannija ħalsitlu £1200 (il-massimu preżenti skond il-liġi in vigore), qegħdha tippretendi li hija ma hijiex, skond il-liġi partikulari in diskussjoni, tenuta tħallas dawk l-istess spejjeż li għamel l-offis biex ġudizzjarjament ikun kawtelat kontra l-assikurat. U billi l-konvenut ottjena mandat ta' qbid eżekuttiv kontra l-kumpannija (art dokument fol. 5) għall-ammont tal-ispejjeż li huwa eroga fil-kawża ċivili fuq imsemmija, sporta kontra l-assikurat, fil-prima istanza, l-istess kumpannija ddepożitat fir-Reġistru ta' dawn

il-Qrati s-somma reklamata oltre l-ispejjeż, bil-kondizzjoni li tibqa' hemm in depożitu sakemm tiġi deċiża din il-kwistjoni; u ġiet il-quddiem bil-kawża odjerna, ħalli tkun tista' tieħu lura dik l-istess somma minnha depożitata f'każ ta' eżitu feliċi tal-kwistjoni minnha sollevata;

Ikkunsidrat;

Illi, kwindi, għalkemm l-assikurat ġie minn dawn il-Qrati kundannat iħallas in linea ta' danni lill-konvenut £1374. 16. 10d, oltre l-ispejjeż tal-ewwel istanza reklamati l-lum, l-attur nomine qiegħed isostni li r-responsabbiltà tiegħu hija limitata għal £1200 biss, li hija s-somma massima li għaliha kien assikurat mal-attur nomine d-danneġġjant, u li l-instanti nomine ġa ħallas lill-konvenut;

Ikkunsidrat;

Illi ma jidherx li jista' jkun diskonoxxut li l-Kap. 165 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta ġie oriġinarjament u qabel l-emenda tal-Ordinanza XXII tal-1962, li daħlet in vigore fl-ewwel ta' Awissu 1962, sostenzjalment meħud mir-Road Traffic Act 1930 ingliż (20 & 21 Geo. V, Ch. 43), kif emendat bir-Road Traffic Act 1934 (24 & 25 Geo. V, Ch. 50) — ara Appendix I ta' Terrell's "Law of Running-down Cases", tieni edizzjoni, fejn il-liġi prinċipali u dik li apportat lil dik il-liġi l-emendi huma kommentati. Ma hemmx bżonn jingħad, lanqas, li l-leġislatur tagħna adatta dawk iż-żewġ statuti ngliżi għaċ-ċirkustanzi lokali, sew ta' fatt sew ta' liġi, u sew ta' ekonomija, u nkorporahom hekk adattati fil-Kap. 165;

Illi dak li huwa ta' nteress f'din il-kawża huma s-sezzjonijiet 4 u 10 tal-Kap. 165 kif kienu qabel l-aħħar emenda tal-Ordinanza XXII tal-1962 (li daħlet in vigore fl-ewwel ta' Awissu 1962) espressi u partikularment rispettivament il-paragrafu I subinċis V, u sempliċement paragrafu I, tas-sezzjonijiet fuq indikati;

L-art. 4 tal-Kap. 165 jikkorrispondi in parti mal-art. 36(V)(b)(i)(ii)(iii) tar-Road Traffic Act 1930; b'dan li l-liġi lokali oltre s-subinċiżi (i)(ii) u (iii), tinkludi s-subinċiżi IV, V u VI, (dawn l-aħħar tnejn il-lum kanċellati u revokati bl-art. 2 tal-Ord. XXII tal-1962 meta din tidħol

**in vigore) tal-paragrafu I inċis (b) mentri li s-sezzjoni 10(1) ġiet sostanzjalment meħuda, salvi xi varjazzjonijiet kif sejjer jingħad mis-sezzjoni 10 tar-Road Traffic Act 1934;**

**Illi, stabbilit dan li fuq intqal, huwa tajjeb li jingħad li s-sezzjoni 10 tar-Road Traffic Act 1934 ingliż tgħid:— "(1) If, after a certificate of insurance has been delivered under subsection (5) of section (36) of the principal Act (Road Traffic Act 1930 ingliż) to the person by whom a policy has been effected, judgment in respect of any such liability as is required to be covered by a policy under paragraph (b) of subsection (1) of section (36) of the principal Act** (being a liability covered by the terms of the policy) is obtained against any person insured by the policy, then, not withstanding that the insurer may be entitled to avoid or cancel, or may have avoided or cancelled the policy, the insurer shall, subject to the provisions of this section, pay to the persons entitled to the benefit of the judgment any sum payable thereunder in respect of costs and any sum payable in respect of interest on that sum by virtue of any enactment relating to interest on judgments";

Mill-banda l-oħra, fid-dispożizzjoni korrispondenti tal-liġi tagħna qabel l-emenda tal-Att XXII tal-1962, "mutatis mutandis", ir-riferenza għas-sezzjonijiet l-oħra applikabbli hija espressa bl-istess kliem, iżda fiha nnfusha tammetti materja varjanti, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, sostanzjali. Infatti l-artikolu jew sezzjoni 10(1) tal-Kap. 165 tgħid:— "(1) If, after a certificate of insurance has been issued under subsection (4) of section(4) of this Ordinance to the person by whom a policy has been effected, judgment in respect of any such liability as is required to be covered by a policy under paragraph (b) of subsection (1) of section(4) of this Ordinance (being a liability covered by the terms of the policy) is obtained against any person insured by the policy, then, notwithstanding that the authorised insurer may be entitled to avoid or cancel, or may ("have") — kelma fit-test ingliż evidentement ommessa — avoided or cancelled the policy, the authorised insurer shall, subject to the provisions of this section, and subject to any limitations on the total amount payable under the policy in pursurance of the 'fourth, fifth and

sixth provisos to paragraph (b) of subsection (10) of section (4) "of this Ordinance (il-kliem sottolineati b'doppja linja ġew mis-sezzjoni (4) tal-Ordinanza XXII tal-1962 sostitwiti bil-kliem "paragraph", sic, recte proviso IV of the subsection(1)(b) of section(4)(IV) of the proviso to subsection(1) of section(4) ), pay to the person entitled to the benefit of the judgment any sum payable thereunder in respect of the liability, including any amount payable in respect of costs and any sum payable in respect of interest on that sum." Fil-paragrafu (2) ta' dan l-istess artikolu, mbagħad, il-leġislatur tagħna jindika taħt liema ċirkustanzi l-assikuratur interessat mhux tenut iħallas taħt id-dispożizzjonijiet ta' qabel, li fil-każ konkret odjern ma jinteressawx il-kwistjoni quddiem din il-Qorti;

Ikkunsidrat;

Illi f'dan il-każ il-liġi applikabbli hi dik tal-Kap. 165 kif kien qabel l-emenda menzjonata, u ċjoè meta sar l-aċċident;

Ikkunsidrat;

Illi mill-kopja tal-formola li ġiet eżibita, u mid-dispożizzjonijiet amplijati u kjariti f'din il-kawża u fil-kawża ċivili fl-ismijiet "Joseph Aquilina vs. Paul Monreal", li ġiet definittivament fuq appell tal-attur nomine bħala terz interessat deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-8 ta' April 1960, u li kienet tikkorrispondi, kif intqal, il-"facsimile" tal-polizza li kienet tkopri lid-danneġġjat, jirriżulta mill-provi li hemm saru illi l-istess Monreal kien assikurat għall-ammont massimu ta' £1200, u kwindi l-attur nomine, di fronti għal dik il-limitazzjoni li kienet tikkomprendi l-massimu li għalieh huwa kien daħal biex ikopri d-dannu lit-terzi persuni kaġunat mill-assikurat, ladarba l-istess attur nomine ħallas dik l-istess somma massima, kellu raġun legalment jabbraċċja t-teżi li kien huwa li sostna b'mod ċar fil-kawża odjerna, u li din il-Qorti amplijat biss għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja, kif jista' jidher ċar mid-dispożizzjoni tal-liġi tagħna fuq ċitata, li l-leġislatur nostrali għoġbu jvarja mil-liġi ngliża, li minna attinġa;

Illi l-ħlas dovut in raġuni tar-responsabbiltà tad-dan-

neġġjant, bl-inklużjoni tal-ispejjeż u l-interessi fuq issomma likwidata, mill-assikuraturi, huma soġġetti għall-ammont totali li jkun ġie fissat bħala pagabbli fl-istess polizza, li fil-każ in ispeċje kienet dik konoxxuta bħala "Act Policy". Il-kumplament, wara u oltre s-somma pattwita, irid jiġi mħallas mid-danneġġjant personalment; u jekk dan jinzerta li jkun raġel tat-tiben, u ma jkunx kapaċi jħallas, dan il-fatt ma għandux isofrieh l-assikuratur;

Illi l-menzjoni fl-art. 4(2) tal-Kap. 165, tal-ispejjeż hemm imsemmija, limitati wkoll għal £25 (imsemmija wkoll fis-sezzjoni 35(2)(c) Road Traffice Act 1930, b'limiti akbar minn tagħna), kienet intiża biex tagħti lil dawk l-istituti (li jipprovdu ġeneralment f'każi ta' "run-down cases" trattament mediku u kirurġiku għall-pazjenti rikoverati hemm) faċilitazzjoni għall-ħlas; imma dan il-vantaġġ, apparti li huwa limitat, ma kienx jimporta li dawk l-ispejjeż ma jiġux imnaqqsa mis-somma totali tal-indennità pattwita;

Illi huwa minnu dak li qal il-konvenut, li fuq il-polza ta' assikurazzjoni bħal din in kwistjoni ("Act Policy") skond il-liġi kif inhija u kif kienet qabel l-emenda (liema liġi hija applikabbli għall-każ in eżami), is-somma tal-assikurazzjoni sejra tikber meta jiġi lilu likwidat il-massimu tas-somma li tagħti l-liġi u jkun, b'nuqqas ta' ekwità u ġustizzja, rinfaċċjat bil-ħlas tal-ispejjeż tal-ġudizzju, tal-interessi fuq is-somma likwidata għall-massimu legali, u forsi anki b'parti mill-meritu li jkun jissupera s-somma massima legali, meta d-danneġġjant, kif hawn ħafna l-lum minnhom li jisirqu vejikoli tan-nar fuq it-trieqat, ikunu pekunjarjament insolventi; imma dan l-inkonvenjent, jekk għandu wisq forza "de lege condenda", ma jistgħax ikollu saħħa fl-applikazzjoni "de lege condita", la l-leġislatur hekk għoġbu jiddisponi;

Illi kwindi, di fronti għall-istat tal-liġi attwali, fiċ-ċirkustanzi ta' fatti fuq esposti u l-istess liġi applikata għalihom, it-teżi attriċi għandha tiġi milqugħa bil-favur;

Illi l-fatt li din hija l-ewwel darba, safejn taf din il-Qorti li qamet il-kwistjoni odjerna, u mħabba fin-novità tagħha, hu ġust u ekwu li din il-Qorti tagħmel użu minn dak li hemm maħsub fl-aħħar parti tal-art. 221 Kap. 15:

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li għalhekk tiġi miċħuda t-talba tal-attur nomine bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-elementi ta' fatt a bażi ta' dan il-proċess huma suffiċjentement enunċjati fis-sentenza appellata, "supra", u fuqhom ma hemm ebda kontestazzjoni bejn il-kontendenti; u għalhekk ma hemmx bżonn li jerġu jiġu msemmija;

Il-kwistjoni hi jekk il-kumpannija assikuratriċi, attriċi, hijiex tenuta tħallas lill-konvenut, terz danneġġjat, oltre s-somma ġa lilu mħallas ta' £1200 għad-danni minnu sofferti mill-kolliżjoni, anki s-somma ndikata fiċ-ċitazzjoni in raġuni ta' spejjeż ġudizzjarji. L-attur nomine jsostni, u sostna b'suċċess quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, illi, peress li fil-polza tas-sikurtà hemm il-limiti ta' £1200, u stante d-dispost tal-art. 4(1) (v) u 10(1) tal-Kap. 165 Ediz. Riv., għalhekk hu ma hux tenut għal ebda somma li teċċedi dak l-ammont minnu ġa mħallas lill-konvenut;

Ikkunsidrat;

Din kienet "Act Policy", u għalhekk l-interpretazzjoni tagħha hi dik tal-liġi in materja; almenu tal-liġi meta nħarġet il-polza;

Hu veru li fil-Kap. 165, ċjoè fl-artikoli ċitati fiċ-ċitazzjoni, hemm imsemmija l-limitazzjoni ta' £1200. Fil-polza hemm l-istess limitazzjoni;

L-oriġini ta' dik il-limitazzjoni fil-Kap. 165 u fil-polza hi din. Fil-liġi ċivili (Kap. 23), almenu qabel l-emenda tal-1962, kien hemm għar-rigward ta' danni kolpużi, il-limitazzjoni ta' £1200. Għalhekk, fl-"Act Policies" ġiet ripetuta l-istess limitazzjoni. Issa, fil-liġi ċivili (art. 1088 Kap. 23) il-kapi tad-dannu ma setgħux jirrigwardaw l-ispejjeż ġudizzjarji, ċjoè tal-kawża li biha d-danneġġjant, fil-każ

li ma jħallasx bonarjament, jiġi kompulsat iħallas bil-Qorti, għaliex dawn l-ispejjeż kienu materja eventwali li ssegwi s-sorte u l-eżitu tal-kawża; dawk il-kapi ta' dannu, invece, kienu jirrigwardaw id-"damnum emergens" u l-"lucrum cessans", inerenti għall-ħsara sofferta, u fil-każ ta' nċidenti stradali kienu jirrigwardaw il-ħsara sofferta bl-istess sinistru;

Hu loġiku kwindi li jingħad, stante din il-konsiderazzjoni eżeġetika, li l-limitazzjoni fil-Kap. 165, u dik fil-polza, famulattiva tagħha, tirrigwarda mhux l-ispejjeż ġudizzjarji, imma l-indennizz li għandu jingħata in raġun tal-ħsara tal-assikurat. Huwa "dak" l-indennizz għall-ħsara sofferta li skond il-liġi kif kienet ma setgħax jaqbeż il-limiti ta' £1200;

Issa, dan li ngħad jifformixxi l-kriterju nterpretattiv tal-kliem "including any amount payable in respect of costs......" fl-art. 10 tal-Kap. 165;

Il-kelma "including" — u f'din il-materja, stante li si tratta ta' liġi lokali modellata fuq il-liġi ngliża, hu mportanti dak li skond is-sistema leġislattiv ingliż huwa s-sens ta' dik il-kelma — tista' tkun jew "exhaustive", ċjoè f'sens ta' "limitation", jew inkella f'sens ta' "enlargement" (ara "Words and Phrases Judicially Defined" ta' Burrows, Vol. 3, taħt "includes"), Fil-każ preżenti, kieku wieħed kellu jagħtiha sens ristrettiv, kien jaqa' fil-konsegwenza inaċċettabbli li, mentri l-liġi ċivili ma tikkomprendix l-ispejjeż ġudizzjarji fil-limiti ta' £1200, il-liġi partikulari, malgrado li hi evidentement pedissekwa tagħha, tikkomprendi fil-limiti dawk l-ispejjeż fis-sens li ma jitħallsux jekk bil-ħlas tagħhom jiġi maqbuż il-limiti. Kif ingħad, din hija nterpretazzjoni mhux aċċettabbli, għaliex ladarba r-"ratio legis" fid-dispożizzjoni tal-liġi partikulari kienet dik stess tal-liġi komuni, l-istess għandha tkun l-interpretazzjoni. Minn dan jiġi li għall-kelma "includes" għandu jiġi mogħti sens ta' "enlargement", ċjoè li minbarra s-somma ta' £1200 għall-ħsara vera u proprja, hi din kemm hi, anki jekk aktar (skond il-liġi ta' qabel l-emenda), jitħallsu wkoll l-ispejjeż ġudizzjarji u, meta jkun hemm lok, l-imgħax;

Interpretazzjoni kuntrarja kienet tkun anki "viperina expositio", għax kien ikun inġust li kumpannija tas-sikurtà

bl-oppożizzjoni nġustifikata tagħha tikkostrinġi t-terz danneġġjat li jidħol il-Qorti, mbagħad, jekk il-ħsara li sofra f'persuntu tkun tilħaq, diciamo, £1200, tnaqqasielu bil-fatt li, tort tagħha, hu jkollu jħallas minn butu (jekk ma jirnexxilux jeħodhom minn għand l-assikurat) l-ispejjeż, li jistgħu jkunu mhux indifferenti;

Jixraq li jiġi rilevat, għall-finijiet ta' ċerti prinċipji "in subjecta materia" (ara Shawcross "On Motor Insurance", 2nd edit., p. 524), illi fil-każ preżenti kien hemm, għar-rigward tal-proċeduri legali li tagħhom huma in kwistjoni l-ispejjeż, xi ħaġa aktar mill-kunsens tal-kumpannija assikuratriċi. Difatti, tant din ħasset li kien il-każ li r-responsabbiltà tal-assikurat u/jew il-miżura tagħha tiġi appurata ġudizzjarjament, u ma kienx għalhekk każ fejn "there was no defence to the proceedings", illi, wara li l-assikurat baqa' sokkombenti bis-sentenza tal-prima istanza hi stess, bħala terz interessat, interponiet appell u talbet li jiġi dikjarat li d-danneġġjat (il-konvenut) kien ikkontribwixxa għall-kolliżjoni, jew li almenu, tant jekk ikkontribwixxa, kemm le, jiġi ridott l-ammont likwidat għad-danni;

Għandu jiġi wkoll notat li ebda sussidju favur it-teżi tal-attur nomine ma jiġi mill-kliem ukoll fl-art. 10 fuq rikordat, ċjoè "subject to any limitations on the total amount payable under the policy in pursuance of the fourth, fifth and sixth provisos to para. (b) of subsc. (1) of sec. (4) of this Ordinance"; għaliex il-portata tal-"limitations" issa msemmija hija appuntu l-"id quod quaeritur" f'din il-kawża, li ġie riżolut "supra";

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata fil-meritu, u tiċħad it-talba tal-attur nomine; u kwantu għall-ispejjeż tordna li dawn jitħallsu kollha mill-attur nomine, tant dawk tal-ewwel, kemm ukoll dawk tat-tieni istanza.